# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Seduta ta' nhar it-14 ta' Dicembru, 2001

**Numru 7**

**Avviz numru 791/01DM**

**Norbert Camilleri ghad-ditta Medialink**

**vs**

**Martin Computers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elfejn erba' mija u sittin liri Maltin (Lm2460) rapprezentanti skadenzi ta' hames kambjalijiet illi huwa naqas li jonora u jhallas, u liema ammont jirrapprezenta bejgh ta' computers u servizzi tal-internet lilu provduti u konsenjati;

Bl-interessi, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar, 2001 u tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju mahrug fit-3 t'Awissu, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Fuq ammissjoni tal-kumpanija konvenuta maghmula permess ta' nota pprezentata llum stess, it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma;

Il-Qorti qeghda ghaldaqstant tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba tal elfejn erba' mija u sittin liri maltin (Lm2460) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, b'dan illi l-atturi huma tenuti illi jipprezentaw il-kambjalijiet originali fl-atti ta' dan il-process permess ta' nota fir-registru.

Il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-imghax legali b'effett mill-14 ta' Settembru, 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

A. Farrugia
Dep.Reg.

va